MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 37/2012

**Paul Borg**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Paul Borg fit-2 ta' April 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li biha l-applikazzjoni tiegchu ghat-tigdid tal-permess ta' xufier skond ir-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, giet rifjutata u minflok tigi milqugha t-talba tieghu ghat-tigdid ta' tali permess, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-

allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) id-decizjoni taghha hija gusta, legali u ghandha tigi ikkonfermata; (iii) il-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma gietx applikata retroattivament u l-Awtorità ma kenitx ingusta fid-decizjoni taghha; (iv) ai termini tar-Regolament 19(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ir-Rikorrent ma setghax jinghata permess ta' xufier peress illi fl-ahhar ghaxar snin inghata sentenza ghal reat u sentenza sospiza tikkostitwixxi sentenza ai termini tar-Regolamenti applikabbli; u (v) il-fatt li r-Rikorrent gie kkundannat f'ambitu kriminali ma jipprekludix lill-Awtorità milli tiehu l-passi mehtiega fil-konfront tieghu, inkluz li ma tohrogx permess ta' xufier a favur tieghu;

Sema' x-xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2012[1] u ra l-fedina penali tar-Rikorrent esebita minn Brian Farrugia bhala Dok. "BF" a fol. 23 u 24 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2013 gie verbalizzat li in vista ta' l-emendi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ir-Rikorrent illum jikkwalifika ghat-tigdid tal-permess ta' xufier u ghalhekk il-mertu ta' l-Appell in ezami gie ezawrit. Ra li ciò nonostante r-Rikorrent jinsisti fuq il-kaz ta' l-ispejjez stante l-bdil fil-posizzjoni ta' l-Awtorità intimata;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent kien qed jikkontesta u jitlob ir-revoka ta' decizjoni ta' l-Awtorità intimata li biha cahdet it-talba tieghu ghat-tigdid ta' permess ta' xufier ghall-garr ta' passiggieri. Mir-Risposta ta' l-Awtorità intimata jirrizulta li t-talba tar-Rikorrent kienet giet minnha michuda in bazi ghar-Regolament 19(b) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ga' Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, li kien jipprovdi illi *persuna ma titqiesx*

[1] Fol. 25 u 26 tal-process.

*li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba* (wahda mill-kondizzjonijiet mehtiega ghall-hrug ta' permess ta' xufier ghall-garr ta' passiggieri) *jekk tkun inghatat sentenza fl-ahhar ghaxar snin ghal reat li ggorr maghha zmien ta' prigunerija ta', jew li jecceddi, xahar jew multa ta' mill-anqas erbat elef euro (€4,000); jew ta' zewg reati jew aktar marbuta ma' vjolenza jew kienet qed tiskonta dik is-sentenza jew parti minnha f'dak il-perijodu ta' ghaxar snin*, **u** ghat-tieni *proviso* ta' l-istess Regolament li kien jipprovdi illi *"instab hati" u "inghata sentenza" jinkludu sentenza moghtija mill-qorti skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, anki jekk dik is-sentenza ma kellhiex effett, izda ma jinkludux ordni ta' probation moghtija skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin, u li tkun giet obduta mill-probationer jew ordni ghall-liberazzjoni assoluta jew taht kondizzjoni moghtija taht l-artikolu 22 ta' l-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin, li tkun giet osservata.*

Bhala fatt mill-fedina penali tar-Rikorrent esebita bhala Dok. "BF" a fol. 23 u 24tal-process jirrizulta li fil-**25 ta' Lulju 2008**, u cioè entro l-perijodu ta' ghaxar snin stipulat fir-Regolament 19, huwa gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrasti (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema kundanna giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza pronuncjata fil-**11 ta' Dicembru 2008**, kwindi dejjem entro l-imsemmi terminu ta' ghaxar snin, ghall-piena ta' **tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin** ghal numru ta' reati li taghhom instab hati.

Fil-mori tal-proceduri però r-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri u senjatament ir-Regolamenti dwar l-ghoti ta' permess ta' xufier ghall-garr ta' passiggieri gew emendati bis-sahha ta' l-Avviz Legali 458 ta' l-2012 – pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Dicembru 2012 – u addirittura r-Regolament 19 kif applikabbli fiz-zmien meta r-Rikorrent applika ghat-tigdid tal-permess ta' xufier ghall-garr ta' passiggieri gie sostitwit bil-mod segwenti: *(1) Ir-regolament 9(1), minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u r-regolament 9(2) ghandhom ikunu applikabbli ghall-fini li jigi stabbilit jekk applikant ghal*

*permess ta' xufier ghandux reputazzjoni u kondotta tajba. (2) Xufier ghandu javza lill-Awtorità bil-miktub dwar kull dikjarazzjoni ta' htija li ssir kontrih fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata minn meta ssir dik id-dikjarazzjoni jew, jekk isir appell minn dikjarazzjoni bhal dik, fi zmien ghoxrin gurnata mid-data li fiha jigi deciz appell bhal dak. (3) Persuna li tikser is-subregolament (2) tkun hatja ta' reat*.

Ir-Regolament 9 kif originarjament fis-sehh ukoll gie sostitwit bis-sahha ta' l-Avviz Legali 458 ta' l-2012 u dan in kwantu rigwarda l-partijiet rilevanti ghar-Regolament 19 kif issa fis-sehh gie jaqra: *(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba: (a) jekk hija tkun instabet hatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali jew ta' l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204C, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248C, 248D tal-Kodici Kriminali; (b) ghal dak il-perijodu ta' zmien meta hija tkun qieghda tiskonta piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar; (c) ghal dak il-perijodu ta' zmien li jigi minnufih wara dak iz-zmien li hija tkun ghamlet tiskonta piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun inghatat lil dik il-persuna ghal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna ohra, liema perjodu jkun: (i) sena fir-rigward ta' pieni ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar izda li ma jkunux aktar minn sena; (ii) daqs iz-zmien ta' prigunerija li ghalih persuna bhal dik tkun ikkundannata piena ta' prigunerija ta' aktar minn sena izda li tkun inqas minn ghaxar snin; u (iii) ghaxar snin fir-rigward ta'pieni ta' prigunerija ta' ghaxar snin jew aktar; (d) ghal dak il-perijodu ta' zmien li jigi minnufih wara z-zmien li tkun ghamlet tiskonta piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar, minbarra pieni li tkun inghatat fir-rigward ta' dik il-persuna ghal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna ohra, liema perijodu jkun: (i) daqs iz-zmien ta' prigunerija li ghalih persuna bhal dik tkun giet ikkundannata piena ta' prigunerija ta' inqas minn hames snin; u (ii) hames snin fir-rigward ta' pieni ta' prigunerija ta' hames snin jew aktar; (e) <u>ghal perjodu ta' zmien li jkun daqs dak tal-piena ta' prigunerija moghtija, meta l-Qorti tista' tordna li sentenza bhal dik m'ghandhiex tibda ssehh skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, liema perjodu</u>*

*ghandu jibda jghodd mid-data ta' meta tkun inghatat is-sentenza*[2]*; (f) ghal perjodu ta' sena minn meta tkun giet imposta multa jew multi li flimkien ikunu jammontaw ghal mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) imposti fit-tnax-il xahar ta' qabel fuq persuna ghal reat jew reati marbuta ma' vjolenza jew ghal reat skond l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Att, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jew reat jew reati skond kull regolament li jsir tahthom; ... (h) tkun instabet hatja li wettqet xi reat bhal dawk taht xi ligi ta' pajjiz jew territorju barra minn Malta: Izda meta l-Qorti tordna li sentenza sospiza tidhol fis-sehh, il-perjodu li dwaru l-Awtorità ghandha tirrifjuta li tohrog il-licenza skond il-paragrafu rilevanti ta' dan is-subregolament wara li tkun inghatat dik l-ordni, ghandu jigi mnaqqas bil-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu l-persuna tkun digà giet michuda lilha l-licenza mill-Awtorità ghall-istess reat skond il-paragrafu (e): Izda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perijodi imsemmija fil-paragrafi (c), (d) u (e) m'ghandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn. (2) Ghall-finijiet biex jigi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skond is-subregolament (1), il-frazi "sentenza" m'ghandhiex tinkludi: (a) ordni ta' probation moghtija skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin u li tkun giet osservata mill-probationer jew ordni ta' liberazzjoni assoluta jew taht kondizzjoni moghtija taht l-artikolu 22 ta' l-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin li tkun giet osservata; jew (b) sentenza ghat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun giet misjuba hatja tigi moghtija mahrfa mill-President ta' Malta skond l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; izda dan il-paragrafu ghandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta mahfra bhal dik; jew (c) sentenza li filwaqt tal-applikazzjoni taghha tkun qieghda taht appell.*

[2] Sottolinear tat-Tribunal.

Applikati dawn ir-Regolamenti l-godda u senjatament ir-Regolament 9(e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 kif issa fis-sehh ghat-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-permess ta’ xufier ghall-garr ta’ passiggieri jirrizulta li r-Rikorrent huwa issa meqjus bhala persuna ta’ reputazzjoni u kondotta tajba u ghalhekk huwa eligibbli ghall-hrug ta’ tali permess. Dana jfisser ghalhekk li bhala fatt il-mertu ta’ l-Appell minnu intavolat quddiem dan it-Tribunal gie ezawrit, kif del resto rilevat waqt is-seduta tas-7 ta’ Frar 2013. Minkejja dan il-fatt però ir-Rikorrent jinsisti fuq il-kap ta’ l-ispejjez, u din is-sentenza tittratta appuntu din il-kwistjoni, stante li jsostni li ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri minhabba bdil fil-posizzjoni ta’ l-Awtorità intimata. L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontendi li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent stante li fiz-zmien meta ittiehdet id-decizjoni appellata hija agixxiet skond u entro l-parametri tal-Ligi jew ahjar tar-Regolamenti applikabbli dak iz-zmien.

Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent ma jistax ikun ezonerat ghal kollox mill-hlas ta’ l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri stante li bla dubju ta’ xejn fiz-zmien meta huwa ssottometta l-applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess ta’ xufier huwa ma kienx jikkwalifika ghat-tigdid ta’ tali permess skond ir-Regolamenti kif fis-sehh dak iz-zmien u ghalhekk l-Awtorità intimata gustament cahdet it-talba tieghu ghat-tigdid tal-permess. Izda, l-Awtorità intimata ma hijiex ghal kollox korretta f’li tippretendi li ir-Rikorrent ghandu jbaghti l-ispejjez kollha relattivi ghal dawn il-proceduri stante li l-bidla fil-posizzjoni taghha vis-a-vis il-kondizzjoni ta’ reputazzjoni u kondotta tajba, liema bidla hija ta’ portata notevoli in kwantu c-cirkostanzi marbuta ma’ din il-kondizzjoni gew imtaffa hafna ghal li kienu originarjament, sehhet mhux biss fil-mori ta’ dawn il-proceduri izda ftit taz-zmien biss wara li t-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-permess ta’ xufier ghall-garr ta’ passiggieri giet michuda.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz hija l-fehma tat-Tribunal li kull wahda mill-partijiet kontendenti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha relattivi ghal dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kaz billi jiddikjara li in segwitu ghall-emendi fir-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, introdotti bl-Avviz Legali 458 ta’ l-2012 il-mertu ta’ l-Appell intavolat mir-Rikorrent bir-Rikors ipprezentat fit-2 ta’ April 2012 huwa ezawrit u li kull wahda mill-partijiet kontendenti ghandha tbghati l-ispejjez taghha relattivi ghal dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------